# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Gunju 2002

## Avviz numru : 61/2002GT(GM)

**Franco u Joseph Borg**

**vs**

**L-Avukat Dottor Alfred Grech**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Illi l-konvenut xtara minghand l-atturi xi ghamara.**

**Illi in segwitu hija dovuta s-somma ta' mitejn u tletin lira Maltija (Lm230) illi ghalkemm il-konvenut hallas permezz ta' zewg cheques mahruga fuq l-HSBC Bank Malta plc datati 18 ta' Settembru 2000 u 18 ta' Lulju 2001 dawn ma gewx onorati.**

**Illi minkejja diversi interpellazjonijiet u minkejja diversi promessi il-hlas baqa' ma sarx.**

**Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan il-bilanc flimkien ma' l-imghax mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u dawk tal-ittri interpellatorji datati 2 ta' Awissu 2001, 14 ta' Awissu 2001 u 23 ta' Ottubru 2001."**

**In vista tal-ammissjoni tal-konvenut;**

**It-Tribunal jilqa' t-talba tal-atturi u u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u tletin lira Maltija (Lm230) bl-imghax**

**legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, u tal-ittri interpellatorji tat-2 ta' Awissu 2002, tal-14 ta' Awissu 2001 u tat-23 ta' Ottubru 2001 a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**